MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 301/2004

**Dr. Andrew Chetcuti Ganado u Raphael Aloisio bhala likwidaturi ta' Paola Motors Ltd (gia Daewoo Malta Ltd, gia Universal Commerce Agency Ltd).**

**vs**

**Karl Pace**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu li l-konvenut ikun ikkundannat ihallashom is-somma ta' elfejn, erba' mija u sitta u tmenin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi [Lm2,486.85c) rappresentanti l-ammont dovut inkonnessjoni ma' kambjalijiet ffirmati u skaduti ; bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Mejju, 2003. Bl-imghax legali u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li tghid hekk:

Illi in linea preliminari t-talba attrici hija preskritta u dan a bazi tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kap 16) tal-Ligijiet ta' Malta u in oltre a bazi ta' l-artikolu 542 tal-Kodici Kummercjali (Kap 13) tal-Ligijiet ta' Malta

Illi minghajr pregudizzju l-konvenut qed jecepixxi li huwa kien ftiehem ma' Paola Motors Ltd li hi tiehu l-vettura Deawoo Racer li ghandha n-numru ta' registrazzjoni AAB 565 lura u wkoll izomm l-ammont ta' tmien mitt lira Maltin (Lm 800) li l-esponenti kien gia hallas bhala kumpens ghal uzu tal-istess vettura. Fil-fatt dan il-ftehim sar u l-vettura giet accettata lura mill-istess socjeta' zmien twil ilu; Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' affidavit, il-konvenut ddikjara illi huwa kien xtara vettura minghand is-socjeta' Daewoo Malta Ltd numru ta' registrazzjoni AAB 565 ghal-prezz ta' Lm4500 u wara li hallas l-ewwel pagament ta' Lm500 kien iffirma kambjali ghal bilanc tal-prezz. Wara li kelli incident bil-vettura kien ordna spare parts minghand id-Daewoo izda minkejja li kien dam jistenna diversi xhur, il-parts baqghu m gewx u ghalhekk kien ftiehem mal-agent illi dan jiehu l-vettura lura u l-ammont ta' Lm500 fuq imsemmija oltre Lm800 kambjali gia onorati jinzammu mill-agent bhala kumpens ghall-uzu tal-vettura. Wara rikjesta mill-awdituri tad-Daewoo Malta Ltd, madwar sena u nofs qabel it-31 ta' Mejju 2005, l-konvenut kien spejga dawn il-fatti kollha. Minkejja dan infethet din il-kawza f'Mejju tal-2003.

Brian Schembri xehed illi huwa ghandu vettura Daewoo bin-numru AAB 565 u li din kien xtraha second hand seba snin ilu minghand id-Daewoo bil-prezz ta' Lm3000.

Illi dawn huma l-unici provi prodotti f'din il-kawza. L-attur, f'azzjoni kambjarja qatt ma pprezenta l-kambjali minnu msemmija fl-avviz. Id-dikjarazzjoni tal-konvenut hija

wahda li tirrifletti il-prattika fil-qasam tal-bejgh ta' vetturi godda fejn l-agent jirritjeni il-privilegg li t-trasferiment tal-vettura jista' jsehh biss bil-kunsens tieghu. Il-bejgh tal-vettura second hand ma sethgex ghalhekk isir lil Brian Schembri jekk mhux bil-kunsens tal-agent u f'dan il-kaz il-bejgh sar direttament mil-agent ghaliex il-vettura kienet fil-pussess tieghu. Brian Schembri xtara l-vettura seba snin qabel id-deposizzjoni tieghu tat-30 ta' Marzu 2006, jigifieri f'Marzu tal-1999. Dan kollu jinkwadra f'dak li qal il-konvenut u cioe li xtara l-vettura fl-1997 u li fl-ahhar tal-1998 kien ftiehem mad-Daeweoo Malta li jirritorna l-vettura.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti hi tal-fehma li oltre li l-konvenut issodisfa r-rekwizit tal-preskrizzjoni estintiva bi trapass ta' hames snin fuq il-kambjali, ressaq ukoll l-prova li ma ghandu l-ebda debitu versu l-atturi bhala likwidaturi u dan ghaliex kien irritona l-vettura mertu tal-kawza lura lill-agent li da parti tieghu bejgh l-istess lil terzi persuni;

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti tichad it-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------